MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 36

22 ta' Jannar 2018

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
MARISA ABELA – Kunsillier
RAYMOND AZZOPARDI – Kunsillier
RALPH CASSAR – Kunsillier
JOHN DEBONO – Kunsillier
ALEX MANGION – Kunsillier
CONNIE SCERRI – Kunsillier
MARK ANTHONY SPITERI - Kunsillier
ALFRED ZAMMIT - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresieda l-laqgħa. Kulħadd kien preżenti għall-laqgħa fil-ħin bl-eċċezzjoni tas-Sur John Debono u s-Sinjura Marisa Abela li kienu għadhom ma waslux.

## 36.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

36.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.

## 36.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

36.2.1 Il-minuti ġew approvati bla interventi u korrezzjonijiet.

## 36.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rigward:

36.3.1 Li l-Għaqda Armar talbu l-għajnuna f'forma ta' materjal sabiex isiru xi manutenzjonijiet fuq bosta affarijiet u li l-komunita' ħa tibbenefika minnhom. L-ammont allokat sabiex isiru dawn il-manutenzjonijiet m'għandux jaqbeż l-€200.

36.3.2 Li reġgħu fetħu l-applikazzjonijiet taħt miżura 125. Il-Kunsill għandu japplika għall-parti ta' fuq ta' Triq Hannibal.

36.3.3 Li l-Kunsill bħalha parti mill-Proċeduri ġodda ta' *Procurement* irid jixtri s-servizzi ta' Accountant, Avukat u Technical Person. Il-Kunsill approva kwotazzjoni tas-Sur Raphael Carabott sabiex dan jgħin il-Kunsill fi tħejjija ta' dokumentazzjon *online*. IS-Segretarju Eżekuttiv ħa ssaqsi u tiġbor iktar kwotazzjonijiet.

36.3.4 Li kellu talba sabiex isir *bus shelter* ġdid fi Triq Santa Katerina. Is-Sur Cordina qal li qabel ma jsir, li ma jmurx tittieħed *for granted* li dawn se jsiru mill-Kunsill għandha tintbagħat imejl lil Land Transport fejn nitolbu li dan isir u jekk jgħidulna li dawn iridu jsiru minna nitolbu *specs* tagħhom.

5.35pm daħlet is-Sinjura Marisa Abela.

36.3.5 Li qed jantiċipa li se jkollu xi applikazzjoni għall-kamera fi Sqaq Sant'Anna u li apparti li ma jsirux fi sqaqien ma tantx jaqbel magħhom. Hu kompla elabora fuq is-suġġett u xi nċidenti bejn residenti li nqalgħu fil-ġranet li għaddew. Li kellu talba wkoll biex jogħla l-limitu ta' veloċita' fi Triq in-Nutar Zarb. Hu qal li peress li dik hi żona residenzjali ma tantx jista' jogħla. Is-Sinjura Abela ssuġġerit li ssir *flashing light – reduce speed* li tkun warning biex inaqqsu l-veloċita fl-area.

5.44pm daħal is-Sur John Debono.

36.3.6 Li kien hemm imejl mingħand is-Sur Frederick Azzopardi fuq il-bypass il-ġdida u bdiet tinqara mis-Sur Cordina.

36.3.7 Sospensjoni biex jitkellem il-Perit Stefan Cassar minn grupp Grow 10 Trees. Wara spjega fuq ix-xogħol ta' dan il-grupp u x'jista' jsir mill-Kunsill bħall-kompetizzjonijiet tal-isbaħ gallariji,li diġa' kienet issemiet f'laqgħa preċedenti mis-Sjra Connie Scerri u fuq li f'Wied Irmiedi fejn hemm il-luq tista' ssir ċinta u bosta nterventi oħra, il-Kunsill ħa in kunsiderazzjoni l-offerti tas-Sur Cassar u ħa jiddiskuti iktar 'l quddiem. Is-Sur Cassar ħalla l-kamra.

36.3.8 Tkompliet tinqara l-imejl mis-Sur Azzopardi fejn fost affarijiet oħra intqal li:

Il-proposta studjata u mressqa mill-periti ta' Transport Malta tirrifletti l-proviżjonijiet stabbiliti fil-pjanijiet lokali applikabbli. Fil-fatt, il-pjanti li qed jiġu proposti joffru soluzzjoni b'inqas użu ta' art mill-ammont previst snin ilu meta l-Gvern ta' dak iż-żmien fassal u approva dawn l-istess pjanijiet. Il-proposti l-ġodda jinkludu wkoll għadd ta' faċilitajiet ġodda li jnaqqsu l-impatt negattiv tat-traffiku, jnaqqsu r-riskju ta' aċċidenti waqt li jinkoraġġixxu aktar użu ta' mezzi ta' vjaġġar alternattivi.

L-Awtorità temmen li din il-proposta hija l-aktar waħda adekwata sabiex kemm jista' jkun malajr, ir-residenti ta' Ħ'Attard ma jibqgħux isofru mid-diffikultajiet tal-volum kbir ta' traffiku li ta' kuljum jgħaddi mill-qalba tal-istess lokalità.

Fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin Transport Malta ser tkompli tikkollabora mal-Awtorità tal-Ippjanar fil-proċess li bih tiġi kkunsidrata l-applikazzjoni għal dan l-iżvilupp. F'dan il-proċess, dawk kollha konċernati ser ikollhom il-ħin kollu meħtieġ sabiex jispjegaw il-fehmiet u s-suġġerimenti tagħhom għall-kunsiderazzjoni tal-Bord li ser jieħu d-deċiżjoni finali.

Is-Sur Cordina qal li għalkemm ġew mistiedna jgħaddu kull mistoqsija jew diffikulta' jidher li l-pjanijiet ħa jibqgħu għaddejjin.

36.3.9 Li l-Ħadd li għadda saru tlielaq tas-soltu u għalkemm fuq il-midalja kien hemm il-*logo* fuq l-avviżi ta' fb ma kienx hemm. Għandha tintbagħat imejl f'dan is-sens.

36.3.10 Li l-Kunsill irċieva żewġ kwotazzjonijiet fuq il-proġetti ta' restawr: waħda ta' €1300 VAT eskluża tal-Bus tal-Papa u l-oħra ta' €1100 għal bus ta' Pierre Muscat. Iż-żewġ kwotazzjonijiet ġew aċċettati imma ħa jinbeda x-xogħol fuq tal-Papa l-ewwel.

36.3.11 Li Lands għaddiet it-titlu tal-Art lill-Sport Malta għal 49 sena u għalhekk ħa jibdew il-proċeduri fuq l-Uffiċċini l-ġodda.

36.3.12 Li hemm bżonn jinbidel il-*flooring* ta' Ġnien Ħal-Warda. Ġie approvat li jinbidel u li għandhom jinġabu kwotazzjoni u tintagħżel l-aħjar offerta.

36.3.13 Li nġabet kwotazzjoni għall-ktejjeb x'HemM Ta' Qali li ħa jkun ktejjeb edukattiv fuq Ħ'Attard. Kulħadd qabel li dan isir u li l-*copyright* jibqa' tagħna għalkemm dan sar minn terzi.

## 36.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

36.4.1 Is-Sur Alfred Zammit saqsa fuq:

- Li l-kuntrattur tan-Non Urban baqa' m'għamilx xogħolu u talab biex niktbulu uffiċjalment. Kulħadd qabel.
- Li l-bus shelter ta' Triq Victor Vassallo għandu bżonn ħasla.
- L-art mitluqa li hemm fejn il-fniek. Is-Seg. Eżekuttiv qaltlu li dik ħa tinbena.

36.4.2 Is-Sur Mark Anthony Spiteri saqsa fuq:

- Il-linji sofor ta' Sqaq it-Tut, li tnaqqsu għax żdiedu żewġ bays.

36.4.3 Is-Sur Ralph Cassar saqsa fuq:

- Bankini ta' Triq il-Midra. Dawn sa jsiru kif approvat.
- Biex jinbidlu l-*bicycle Racks* għall-*Sheffield Type.* Approvat li jinbidlu.
- Jekk kienx hemm żviluppi fuq il-Librerija l-ġdida.
- Biex jitħawwlu ċipress u ballut ħdejn l-Ivory and Co.

36.4.4 Is-Sur John Debono qal li:

- Fil-pjanta ta' Triq Dun Mikiel Xerri żdietet triq oħra barra dik diġa' eżistenti biex hekk spiċċaw żewġ *pedestrian roads*. Dan ifisser li l-karozzi ħa jispiccaw barra u meta ġiet mitkellma l-*consultation* kien magħluq. Is-Sur Debono saqsa jekk il-Perit jistax jgħid kemm intilfu *parking spaces.*
- Li hemm qbil unanimu li kulħadd kontra l-Petrol Station ta' Triq l-Imdina.

36.4.5 Is-Sur Raymond Azzopardi qal li:

- Jsir trasport minn Mount Carmel għall-Mellieħa u viċi versa.
- Jekk saritx rappreżentazzjoni għall-binja fi Triq il-Mosta. Is-Seg. Eżekuttiv qalet li peress li l-Perit kien ma jiflaħx id-deadline għalqet jumejn wara l-laqgħa tal-Kunsill u allura ma kienx hemm cans.

36.4.6 Is-Sinjura Connie Scerri qalet:

- Meta kienet Seminar is-Salini l-Ministru Borg qal li l-by-pass ħa ssir u li ser jitnaddaf Wied Inċita.
- Li l-kuntrattur ħa jnaddaf u jaħrat Triq Birkirkara.
- Li l-Parks ħa jtuna 20 pjanta tar-Rihan u ħa jinżergħu fi Triq Birkirkara.
- Li hemm żewġ litter bins bla qiegħ.

## 36.5 Approvazzjoni ta' *Performance Bonus* għas-Sena 2017

36.5.1 Is-Sur Stefan Cordina beda billi talab is-Segretarju Eżekuttiv tagħti r-rendikont tagħha fuq l-*Appraisals* tal-istaff. Hi qalet li ma tantx hemm wisq x'tgħid għax sar ħafna xogħol u r-riżultati kien juru biċ-ċar li l-istaff ħadem u ta l-potenzjal tiegħu kollu u li dejjem jagħmlu ħilithom biex jippruvaw jgħinu fit-tmexxija tal-Kunsill. Kompliet billi qalet li għaliha għall-mod kif jaħdmu, l-inizzjattivi, l-preżentazzjoni tax-xogħol u ħiliet jistħoqqilhom il-*full.*

Rigward il-*Performance* tagħha hi qalet li tħalli f'idejn is-Sindku u l-Kunsilliera sabiex jiddiskutu u jiddeċiedu huma u ma kelliex iktar x'iżid. Is-Sur Cordina qal li x-xogħol sar u hu sodisfatt ferm bih u jekk kulħadd jaqbel jingħata l-*full* lill-kulħadd.

Is-Sur Cordina għalhekk għadda Riżoluzzjoni proposta u ffirmata minnu u s-sekondata mis-Sur Mark Anthony Spiteri fejn fiha hemm imniżżel li l-istaff kollu għandu jingħata l-massimu tal-*Performance Bonus* cioe' 10% fil-każ tas-Segeretarju Ezekuttiv u 6% fil-każ tal-impjegati tal-Kunsill. Kulħadd mill-membri preżenti qabel.

## 36.6 Rapporti

36.6.1 Tressaq id-*Draft Budget* għall-approvazzjoni u li kien jinkludi fost l-oħrajn erba' proġetti kapitali li se jittieħdu mill-fondi UIF:
*Upgrading* ta' Ġnien il-Palma
*Upgrading* ta' Ġardina ta' Fġieni
*Upgrading* ta' Ġnien Karm Debono u
l-Uffiċċini tal-Kunsill.
Id-draft ġie approvat sabiex titħejja l-verżjoni *accrual based.*

## 36.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

36.7.1 Iċ-ċedola ġiet approvata.

## 36.8 Mozzjonijiet; u

36.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 36.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

35.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.10pm u ġiet aġġornata għat-13 ta' Frar 2018 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 13 ta' Frar 2018.

IFFIRMATA

Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA

Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv